ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u *eLearning*
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2011**

Ro

StudentBounty.com

**L-EWWEL SENA L-ISTORJA (ĠENERALI) IL-ĦIN: SIEGĦA U NOFS**

**L-Isem:** ______________________________ **Il-Klassi:** ______________

**1. Agħmel ċirku madwar TMIENJA (8) li għandhom x'jaqsmu mal-Preistorja.**





















**(Total: 8 marki)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**2. Għid x'inhuma u ta' liema żmien huma dawn is-sorsi. L-ewwel waħda hi mogħtija bħala eżempju.**



2.1 *eż. Katakombi*

*Żmien ir-Rumani*



2.2 ______________________________

______________________________



2.3 ______________________________

______________________________



2.4 ______________________________

______________________________



2.5 ______________________________

______________________________



2.6 ______________________________

______________________________

**(5 x 2 marki = 10 marki)**

**3. Qabbel kolonna A ma' kolonna B dwar Żmien il-Bronż.**

| | **Kolonna A** | | **Kolonna B** |
|---|---|---|---|
| 1 | Il-bronż kien b'saħħtu iżjed | | jinsabu f'Borġ in-Nadur, qrib Birżebbuġa. |
| 2 | Fdalijiet ta' Żmien il-Bronż f'Malta | | li flok roti kellhom ħaġar kbir. |
| 3 | Ir-raddi tar-roti saru minn xi karrijiet | | mill-ħaġar. |
| 4 | In-nies ta' Żmien il-Bronż kienu | | għodod, armi u oġġetti ornamentali. |
| 5 | Mill-bronż il-bniedem beda jagħmel | | jibnu d-dolmen u l-menħir. |

**(Total: 5 marki)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**4. Il-nies li għexu fil-Gżejjer Maltin fil-Preistorja kienu jafu jagħmlu DISGĦA dawn li ġejjin. Immarka t-tajbin. L-ewwel waħda hi mogħtija bħala eżemp**

| | | |
|---|---|---|
| 4.1 | Jistadu għall-ħut. | ✓ |
| 4.2 | Jaqraw il-gazzetta. | |
| 4.3 | Jikkaċċjaw it-tjur. | |
| 4.4 | Jagħmlu l-fuħħar mit-tafal. | |
| 4.5 | Jagħmlu statwi mit-tafal u l-ħaġar. | |
| 4.6 | Kienu jużaw il-karettun bir-roti. | |
| 4.7 | Jieklu l-laħam. | |
| 4.8 | Irabbu l-annimali. | |
| 4.9 | Jilbsu ġiżirajjen magħmulin mid-deheb. | |
| 4.10 | Jagħmlu għodod u armi mill-ħadid. | |
| 4.11 | Jixorbu l-luminata. | |
| 4.12 | Isajru l-ikel fuq in-nar. | |
| 4.13 | Jaħilbu l-mogħoż għall-ħalib. | |
| 4.14 | Kienu jaduraw l-alla Melkart. | |
| 4.15 | Jidfnu l-mejtin f'ħofor fil-blat. | |

**(8 x marka 1 = 8 marki)**

**5. Agħmel sinjal taħt it-tweġiba t-tajba.**

5.1 Nitgħallmu l-istorja biex (*ngħaddu ż-żmien, ngħaddu mill-eżami, naraw minn xiex għaddew missirijietna*).

5.2 Nieħdu t-tagħrif tal-istorja minn dawk li jissejħu (*sorsi, xeni, kunsilli*).

5.3 Il-Preistorja huwa żmien qabel ma l-bniedem beda (*jiġġieled, jikteb, jibni*).

5.4 L-ewwel nies ġew Malta (*minn Sqallija, minn Kreta, mit-Turkija*).

5.5 (*Skorba, Il-Ġgantija, Għar Dalam*): post li jurina li Malta mhux minn dejjem kienet gżira.

5.6 F'Ħal-Tarxien insibu (*banjijiet Rumani, tempji Neolitiċi, mużew tal-gwerra*).

5.7 Tutankamun kien (*alla tal-Feniċi, arkeologu, farawni*).

5.8 Mill-bebbuxu *murex trunculus,* il-Feniċi kienu jieħdu l-kulur (*isfar, vjola, aħmar*).

5.9 Il-Feniċi kienu (*tobba, artisti, baħħara*) mill-aqwa.

5.10 Il-Feniċi kienu jużaw is-siġar taċ-ċedru biex jagħmlu (*l-għamara, x-xwieni, t-twiebet*).

**(10 x marka 1 = 10 marki)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**6. Pinġi bil-lapes skizz (*sketch*) ta' dawn fil-kaxxi:**

| | |
|---|---|
| 6.1 Dolmen | 6.2 Piramida Eġizzjana |
| 6.3 Statwa tal-alla tal-fertilità | 6.4 Is-siġra tal-ħajja |

**(4 x 2 marki = 8 marki)**

**7. Sib dik li ma taqbilx ma' dan it-twemmin li ħaraġ mill-ġnus ta' madwar il-Mediterran.**

7.1 Twemmin tan-nies tal-Presitorja:
(*Ħaġar Qim, Is-Siġra tal-Ħajja,L-Akropoli,Il-Mara l-Ħoxna, Is-Sanctum Sanctorum*).

7.2 It-twemmin tal-Lhud:
(I*l-Quran, Is-sinagoga, It-Testment il-Qadim, It-tempju ta' Salamun, Mosè*).

7.3 It-twemmin tal-Griegi tal-Qedem u tar-Rumani:
(*Żeus,Il-Vatikan, Ġupiter, Il-Partenon ta' Ateni, Il-Muntanja Olimpus, Il-Panteon ta' Ruma*).

7.4 It-twemmin Nisrani:
(*San Pawl, It-Testment il-Ġdid, L-Appostli, Il-Ħeġira, Il-Passjoni ta' Ġesù Kristu*).

7.5 It-twemmin fl-Iżlam:
(*Il-Quran, It-tempju ta' Ġerusalemm, Mekka, Muħammed, moskea*).

**(5 x marka 1 = 5 marki)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**8. Ħares sewwa lejn dawn is-sorsi dwar it-tempji fil-Preistorja u wara imla l-voj kliem mogħti.**



*L-Ipoġew ta' Ħal Saflieni*



*Ħaġar Qim*

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| *Is-Siġra tal-ħajja* | *Il-Ġgantija* | *blat* | *Arkeoloġija* | *fertilità* |
| *megalitiku* | *Il-Bronż* | *Ħaġar Qim* | *Raħal Ġdid* | *arkeologu* |

8.1 L-Ipoġew ta' Ħal Saflieni jinsab f' ____________________.

8.2 L-Ipoġew ta' Ħal Saflieni kien tħaffer fil- ____________ taħt l-art.

8.3 __________________________ hi tpinġija li nstabet fl-Ipoġew.

8.4 ________________ huwa tempju megalitiku f'Għawdex.

8.5 It-tempji preistoriċi huma mibnija b'ħaġar kbir imsejjaħ __________________.

8.6 Id-dolmen huma fdalijiet ta' Żmien __________________.

8.7 Ix-xogħol tal- ____________________ hu li jfittex fdalijiet mill-imgħoddi.

8.8 It-tempji ta' ______________ tgħattew b'tinda biex tħarishom mill-elementi tan-natura.

8.9 Fit-tempji Preistoriċi nstabu statwi tal-alla tal- ______________________.

8.10 Il-fdalijiet li nstabu fit-tempji Megalitiċi tqiegħdu fil-Mużew tal- _________________ li hemm fil-Belt Valletta.

**(10 x marka 1 = 10 marki)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**9. Ħares sewwa lejn dawn is-sorsi u wara wieġeb il-mistoqsijiet dwarhom.**



Sors A



Sors B



Sors C

9.1 Liema sors hu ta' żmien ir-Rumani? ______________________________ (1)

9.2 Liema sors hu ta' żmien il-Feniċi? ______________________________ (1)

9.3 Liema sors hu ta' żmien il-Preistorja? ______________________________ (1)

9.4 Kif inhu magħruf il-post storiku li jidher f'sors A? ______________________ (1)

9.5 Kif inhu magħruf il-post storiku li jidher f'sors B? ______________________ (1)

9.6.1 Kif inhu magħruf l-oġġett li jidher f'sors C? ______________________ (1)

9.6.2 L-oġġett li jidher f'sors C huwa importanti għall-istorja ta' Malta għax:

(a) hu magħmul minn irħam rari ħafna.
(b) kien jintuża mill-Imperaturi Rumani.
(c) għandu skultura sabiħa u rfinuta ħafna.
(d) għandu kitba bil-Puniku u bil-Grieg fuqu. (1)

9.7 Liema awtorità tieħu ħsieb ħafna mkejjen storiċi fil-Gżejjer Maltin?

________________________________________________________ (1)

**(8 x marka 1 = 8 marki)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**10. Imla l-vojt bi kliem li joqgħod dwar l-istorja tar-Rumani.**




*L-artijiet maħkuma mir-Rumani madwar il-Mediterran*

Ir-Rumani kienu ġens li ħareg mill-art fejn illum hemm l- ________________. Għall-ewwel ir-Rumani kienu mmexxija mir- ____________, sakemm huma keċċew l-aħħar sultan u waqqfu r- _______________. Ruma bdiet titmexxa mis- _____________ . Ir-Rumani kienu maqsumin f' __________________ (għonja) u fi ____________ (foqra). Fil-Gwerer Puniċi r-Rumani rebħu lill-għedewwa tagħhom, il- _________________. Permezz tal-Ġeneral Ġulju ____________, ir-Rumani rebħu ħafna artijiet madwar il-Mediterran.

**(8 x marka 1 = 8 marki)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**11. Ikteb paragrafu b'mhux inqas minn 50 kelma fuq TNEJN minn dawn:**

11.1 Kif kont tqatta' ġurnata li kieku INT kont tgħix fi Żmien il-Preistorja.
11.2 Iċ-Ċiviltà Eġizzjana tal-Qedem.
11.3 Il-Feniċi fl-istorja.
11.4 Il-Gwerer Puniċi.
11.5 Il-Miġja tat-Twemmin Nisrani f'Malta permezz ta' San Pawl.
11.6 Muħammed u t-twaqqif tal-Iżlam.

**(2 x 10 marki = 20 marka)**

Paragrafu 1

| |
|---|
| |
| |
| |
| |
| |
| |
| |
| |
| |
| |
| |

Paragrafu 2

| |
|---|
| |
| |
| |
| |
| |
| |
| |
| |
| |
| |
| |

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers